| STSSY 82 | Artikolu 26c(7), il-punt (b) | Sostituzzjoni tal-fornituri ta' servizzi f'każ tal-inadempjenza jew l-insolvenza tagħhom | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sostituzzjoni tas-servizzjant, tal-fiduċjarju, tafornituri oħra ta' servizzi anċillari jew tal-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmija fil-qasam STSSY126 fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza ta' kwalunkwe wieħed minn dawk il-fornituri ta' servizzi, meta dawk il-fornituri ta' servizzi jkunu differenti mill-oriġinatur, b'mod li ma jirriżultax fit-tmiem tal-forniment ta' dawk is-servizzi. | Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 83 | Artikolu 26c(7), il-punt (c) | Proċeduri ta' ġestjoni | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar il-proċeduri ta' ġestjoni li japplikaw għall-iskoperturi sottostanti fid-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni u wara u ċ-ċirkostanzi li fihom dawk il-proċeduri jistgħu jiġu mmodifikati. | Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 84 | Artikolu 26c(7), il-punt (d) | Standards tas-servizzjar | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar l-istandards tal-ġestjoni li s-servizzjant ikun obbligat li jaderixxi magħhom fil-ġestjoni tal-iskoperturi sottostanti matul il-ħajja kollha tat-titolizzazzjoni. | Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 85 | Artikolu 26c(8), l-ewwel subparagrafu | Għarfien espert mis-servizzjant | | V | | Spjegazzjoni qasira li s-servizzjant ikollu għarfien espert fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għall-iskoperturi titolizzati. | Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 86 | Artikolu 26c(8), l-ewwel subparagrafu | Politiki, proċeduri u kontrolli tal-immaniġġjar tar-riskju dokumentati sew u adegwati fis-seħħ | V | | | Konferma li s-servizzjant ikollu politiki, proċeduri u kontrolli tal-immaniġġjar tar-riskju dokumentati sew u adegwati relatati mal-ġestjoni tal-iskoperturi. | Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| STSSY 87 | Artikolu 26c(8), it-tieni subparagrafu | Proċeduri ta' ġestjoni li jkunu tal-anqas stretti daqs dawk applikati għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati | V | | | Spjegazzjoni qasira li s-servizzjant ikun japplika proċeduri ta' ġestjoni għall-iskoperturi sottostanti li jkunu tal-anqas stretti daqs dawk applikati mill-oriġinatur għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati. | Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 88 | Artikolu 26c(9) | Reġistru ta' referenza fis-seħħ | | | V | Spjegazzjoni dettaljata li turi l-mod kif l-oriġinatur iżomm reġistru ta' referenza aġġornat biex jidentifika l-iskoperturi sottostanti f'kull ħin. | Mhux applikabbli |
| STSSY 89 | Artikolu 26c(9) | Reġistru ta' referenza – Kontenut | | V | | Spjegazzjoni qasira li r-reġistru ta' referenza msemmi fil-Qasam STSSY 88 jidentifika l-obbliganti ta' referenza, l-obbligi ta' referenza li minnhom joriġinaw l-iskoperturi sottostanti u, għal kull skopertura sottostanti, l-ammont nominali li huwa protett u li huwa pendenti. | Mhux applikabbli |
| STSSY 90 | Artikolu 26c(10) | Riżoluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri | V | | | Konferma li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet ċari li jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri. | Entrati 3.4.7 u 3.4.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 91 | Artikolu 26c(10) | SSPE – Drittijiet tal-vot definiti b'mod ċar | V | | | Konferma li, fil-każ ta' titolizzazzjoni bl-użu ta' SSPE, id-drittijiet tal-vot ikunu definiti b'mod ċar u jiġu allokati lid-detenturi tal-bonds u li r-responsabbiltajiet tal-fiduċjarju u tal-entitajiet oħrajn bi dmirijiet fiduċjarji lejn l-investituri jiġu identifikati b'mod ċar. | Mhux applikabbli |
| STSSY 92 | Artikolu 26d(1) | *Data* dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf | V | | | Konferma li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri potenzjali qabel l-ipprezzar, *data* storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf bħad-*data* dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza (li tkopri perjodu ta' mill-inqas 5snin) għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, kif ukoll is-sorsi ta' dik id-*data* u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità. | Entrata 2.2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 |
| STSSY 93 | Artikolu 26d(2) | Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifika esterna | V | | | Konferma li kampjun tal-iskoperturi sottostanti jkun soġġett għal verifika esterna qabel l-għeluq tat-tranżazzjoni minn parti xierqa u indipendenti, inkluża verifika li l-iskoperturi sottostanti jkunu eliġibbli għall-protezzjoni tal-kreditu skont il-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 94 | Artikolu 26d(3) | Disponibbiltà ta' mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali | V | | | Konferma li, qabel l-ipprezzar tat-titolizzazzjoni, l-oriġinatur iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri potenzjali mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligi li jirrappreżenta b'mod preċiż ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-iskoperturi sottostanti u l-pagamenti fi flussi bejn l-oriġinatur, l-investituri, partijiet terzi oħra u, jekk applikabbli, l-SSPE, u li wara l-ipprezzar, dak il-mudell isir disponibbli għall-investituri fuq bażi kontinwa u għall-investituri potenzjali fuq talba. | Mhux applikabbli |
| STSSY 95 | Artikolu 26d(4), l-ewwel subparagrafu | Pubblikazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi | | V | | F'każ ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi u sakemm ma tiġix applikata l-eċċezzjoni fil-qasam STSSY 96, spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jagħmel disponibbli informazzjoni relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-assi ffinanzjati mis-self, bħala parti mill-informazzjoni ddivulgata skont l-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSSY 96 | Artikolu 26d(4), it-tieni subparagrafu | Deroga mir-rekwiżit biex tiġi ppubblikata l-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali | | V | | F'każ li l-oriġinatur jiddeċiedi li jidderoga mir-rekwiżit fil-qasam STSSY 95, spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jippubblika l-informazzjoni disponibbli relatata mal-impatti negattivi prinċipali tal-assi ffinanzjati mill-iskoperturi sottostanti fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà. | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi | | | | | |
| STSSY97 | Artikolu 26d(5) | L-oriġinatur responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402 | V | | | Konferma li l-oriġinatur huwa responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSSY 98 | Artikolu 26d(5) | Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 disponibbli għal investituri potenzjali | V | | | Konferma li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402 issir disponibbli għal investituri potenzjali qabel l-ipprezzar fuq talba. | Mhux applikabbli |
| STSSY 99 | Artikolu 26d(5) | Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1), il-punti (b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) 2017/2402 tkun disponibbli għall-investituri potenzjali mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali | V | | | Konferma li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tkun disponibbli qabel l-ipprezzar, mill-inqas f'forma abbozzata jew inizjali u mbagħad id-dokumentazzjoni finali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-għeluq tat-tranżazzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 100 | Artikolu 26e(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | Avvenimenti tal-kreditu u l-użu ta' garanziji | | V | | Meta t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' garanziji, spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu jkun ikopri mill-inqas l-avvenimenti tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | Mhux applikabbli |
| STSSY 101 | Artikolu 26e(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Avvenimenti tal-kreditu u l-użu ta' derivattivi tal-kreditu | | V | | Meta t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' derivattivi tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' kreditu jkun ikopri tal-inqas l-avvenimenti tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 216(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | Mhux applikabbli |
| STSSY 102 | Artikolu 26e(1), it-tieni subparagrafu | Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu dokumentat | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-avvenimenti kollha tal-kreditu huma dokumentati. | Mhux applikabbli |
| STSSY 103 | Artikolu 26e(1), it-tielet subparagrafu | Il-miżuri ta' trażżin ma jipprekludux l-iskattar tal-avvenimenti ta' kreditu eliġibbli | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-miżuri ta' trażżin fis-sens tal-Artikolu 47b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jiġu applikati għall-iskoperturi sottostanti ma jkunux jipprekludu l-iskattar tal-avvenimenti ta' kreditu eliġibbli. | Mhux applikabbli |
| STSSY 104 | Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu | Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu abbażi tat-telf effettiv imġarrab u l-proċeduri standard ta' rkupru | | V | | Spjegazzjoni qasira li, wara li jseħħ avveniment ta' kreditu, il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu huwa kkalkulat abbażi tat-telf effettiv imġarrab mill-oriġinatur jew mill-mutwant oriġinali, kif maħdum skont il-politiki u l-proċeduri standard ta' rkupru għat-tipi ta' skoperturi rilevanti u rreġistrat fir-rapporti finanzjarji fiż-żmien meta jsir il-pagament. | Mhux applikabbli |
| STSSY 105 | Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu | Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu pagabbli f'perjodu speċifikat | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-pagament finali tal-protezzjoni tal-kreditu ikun pagabbli f'perjodu speċifikat wara li d-dejn għall-iskopertura sottostanti rilevanti meta r-ristrutturar tad-dejn ikun tlesta qabel il-maturità legali skedata jew it-terminazzjoni bikrija tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 106 | Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu | Pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu mhux aktar tard minn sitt xhur wara avveniment ta' kreditu | | V | | F'każijiet fejn ir-ristrutturar tad-dejn għat-telf għall-iskopertura sottostanti rilevanti ma jkunx tlesta sa tmiem dak il-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 26e(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu isir mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jseħħ avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-oqsma STSSY100 u STSSY101. | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| STSSY 107 | Artikolu 26e(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b) | Pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu ogħla mill-ammont ta' telf mistenni applikabbli | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu ikun mill-inqas l-ogħla wieħed minn dawn li ġejjin: (a) l-ammont ta' telf mistenni li huwa ekwivalenti għall-indeboliment irreġistrat mill-oriġinatur fir-rapporti finanzjarji tiegħu f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli fiż-żmien meta jsir il-pagament interim bis-suppożizzjoni li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jeżistix u ma jkopri l-ebda telf; jew (b) jekk applikabbli, l-ammont ta' telf mistenni kif iddeterminat skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | Mhux applikabbli |
| STSSY 108 | Artikolu 26e(2), it-tielet subparagrafu | Termini tal-pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu | | V | | Meta jsir pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li l-pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu msemmi fil-qasam STSSY106 isir sabiex jiġi aġġustat is-saldu interim tat-telf mat-telf effettiv imġarrab. | Mhux applikabbli |
| STSSY 109 | Artikolu 26e(2), ir-raba' subparagrafu | Metodu għall-kalkolu tal-pagamenti interim u finali ta' protezzjoni tal-kreditu | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-metodu għall-kalkolu tal-pagamenti interim u finali ta' protezjzoni tal-kreditu huwa speċifikat fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 110 | Artikolu 26e(2), il-ħames subparagrafu | Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu proprzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu jkun proporzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti tal-iskopertura sottostanti korrispondenti li tkun koperta mill-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 111 | Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu | Infurzabbiltà tal-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dritt tal-oriġinatur li jirċievi l-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu huwa infurzabbli. | Mhux applikabbli |
| STSSY 112 | Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu | Ammont pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu huwa stabbilit fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-ammonti pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu huma stabbiliti b'mod ċar fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu u limitat. | Mhux applikabbli |
| STSSY 113 | Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu | Kalkolu tal-ammonti fiċ-ċirkostanzi kollha | | V | | Spjegazzjoni qasira li huwa possibbli li jiġu kkalkulati l-ammonti pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu fiċ-ċirkostanzi kollha. | Mhux applikabbli |
| STSSY 114 | Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu | Ċirkostanzi tal-pagamenti tal-investituri stabbiliti skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jistabbilixxi b'mod ċar iċ-ċirkostanzi li fihom l-investituri ikunu meħtieġa jagħmlu l-pagamenti. | Mhux applikabbli |
| STSSY 115 | Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu | Il-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-aġent ta' verifika ta' parti terza li jiskattaw il-pagamenti tal-investituri | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivvaluta jekk seħħewx iċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li fihom l-investituri ikunu meħtieġa jagħmlu pagamenti. | Mhux applikabbli |
| STSSY 116 | Artikolu 26e(2), is-seba' subparagrafu | Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu kkalkulat fil-livell ta' skopertura sottostanti. | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-ammont ta' pagament ta' protezzjoni tal-kreditu jiġi kkalkulat fil-livell tal-iskopertura sottostanti li għaliha jkun seħħ avveniment ta' kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 117 | Artikolu 26e(3), l-ewwel subparagrafu | Speċifikazzjoni tal-perjodu ta' estenzjoni massimu għall-proċess ta' ristrutturar tad-dejn | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jispeċifika l-perjodu ta' estensjoni massimu li japplika għar-ristrutturar tad-dejn għall-iskoperturi sottostanti li għalihom ikun seħħ avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 26e(1) tar-Regolament (UE) | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 2017/2402, iżda li r-ristrutturar tad-dejn għalihom ma jkunx ġie kkompletat sal-maturità legali skedata jew sat-terminazzjoni bikrija tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | |
| STSSY 118 | Artikolu 26e(3), l-ewwel paragrafu | Perjodu ta' estensjoni inqas minn sentejn | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-perjodu ta' estensjoni msemmi fil-qasam STSSY 117 mhuwiex itwal minn sentejn. | Mhux applikabbli |
| STSSY 119 | Artikolu 26e(3), l-ewwel paragrafu | Pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu fuq il-bażi tal-istima finali tat-telf tal-oriġinatur | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jipprevedi li, sa tmiem il-perjodu ta' estensjoni msemmi fin-numru tal-qasam STSSY 117, isir pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu fuq il-bażi tal-istima finali tat-telf tal-oriġinatur li jkun irreġistrat mill-oriġinatur fir-rapporti finanzjarji tiegħu f'dak iż-żmien bis-suppożizzjoni li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jeżistix u ma jkopri l-ebda telf. | Mhux applikabbli |
| STSSY 120 | Artikolu 26e(3), it-tieni subparagrafu | Terminazzjoni tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu | | V | | Fil-każ li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jiġi tterminat, spjegazzjoni qasira li r-ristrutturar tad-dejn ikompli fir-rigward ta' kwalunkwe avveniment ta' kreditu pendenti li seħħ qabel dik it-terminazzjoni bl-istess mod bħal dak deskritt fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26e(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSSY 121 | Artikolu 26e(3), it-tielet subparagrafu | Primjums tal-protezzjoni tal-kreditu kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-primjums tal-protezzjoni tal-kreditu li għandhom jitħallsu skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ikunu strutturati bħala kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti tal-iskoperturi titolizzati produttivi u jkunu jirriflettu r-riskju tas-segment protett. | Mhux applikabbli |
| STSSY 122 | Artikolu 26e(3), it-tielet subparagrafu | Il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li ma jistipulax il-mekkaniżmi li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf għall-investituri | | V | | Spjegazzjoni qasira li, għall-finijiet tal-qasam STSSY117, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jistipulax primjums garantiti, pagamenti bil-quddiem tal-primjum, mekkaniżmi ta' ribass jew mekkaniżmi oħra li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf għall-investituri jew għar-ritorn ta' parti mill-primjums imħallsin lill-oriġinatur wara l-maturità tat-tranżazzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 123 | Artikolu 26e(3), ir-raba' subparagrafu | Deroga għall-pagamenti bil-quddiem tal-primjum | | V | | B'deroga mill-oqsma STSSY121 u STSSY122, meta l-iskema ta' garanzija tkun prevista b'mod speċifiku fid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru u tibbenefika minn kontrogaranzija ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, spjegazzjoni qasira li l-pagamenti ta' primjum bil-quddiem huma permessi, dment li jkun hemm konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. | Mhux applikabbli |
| STSSY 124 | Artikolu 26e(3), il-ħames subparagrafu | Deskrizzjoni tal-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tiddeskrivi kif il-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu u kwalunkwe kupun, jekk ikun hemm, jiġu kkalkolati fir-rigward ta' kull data ta' pagament matul il-ħajja kollha tat-titolizzazzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 125 | Artikolu 26e(3), is-sitt subparagrafu | Eżegwibilità tad-drittijiet tal-investitur | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-drittijiet tal-investituri li jirċievu primjums tal-protezzjoni tal-kreditu huma infurzabbli. | Mhux applikabbli |
| STSSY 126 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu | Ħatra ta' aġent ta' verifika ta' parti terza qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni | V | | | Konferma li, qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni, l-oriġinatur jaħtar aġent ta' verifika ta' parti terza. | Mhux applikabbli |
| STSSY 127 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | Kontroll tal-aġent tal-aġent ta' verifika ta' parti terza - Avviż ta' avveniment ta' kreditu speċifikat fit-termini tal-ftehim ta' protezzjoni | V | | | Konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza, imsemmi fil-qasam STSSY 126, jivverifika għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jkun ingħata avviż ta' avveniment ta' kreditu għalihom, li l-avveniment ta' kreditu indikat fl-avviż huwa avveniment ta' kreditu kif speċifikat fit-termini tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |

MT 19 MT

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| STSSY 128 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Kontroll tal-aġent ta' verifika ta' parti terza - Skopertura sottostanti inkluża fil-portafoll ta' referenza | V | | | Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu għalihom, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY 126 jivverifika li l-iskopertura sottostanti kienet inkluża fil-portafoll ta' referenza fiż-żmien tal-okkorrenza tal-avveniment ta' kreditu kkonċernat. | Mhux applikabbli |
| STSSY 129 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) | Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza - Kriterji eliġibbli ssodisfati fiż-żmien tal-inklużjoni fil-portafoll ta' referenza | V | | | Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jingħata avviż dwar avveniment tal-kreditu għalihom, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li l-iskopertura sottostanti ssodisfat il-kriterji ta' eliġibbiltà fil-mument tal-inklużjoni tagħha fil-portafoll ta' referenza. | Mhux applikabbli |
| STSSY 130 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) | Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza - Konformità mal-kundizzjonijiet tar-rikostituzzjoni | V | | | Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għalihom jngħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverfika li, meta skopertura sottostanti ġiet miżjuda mat-titolizzazzjoni bħala riżultat tar-rikostituzzjoni, tali rikostituzzjoni kienet konformi mal-kundizzjonijiet tar-rikostituzzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 131 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e) | Il-kontroll ta' verifika ta' parti terza - Telf konsistenti mad-dikjarazzjoni ta' profitt u telf tal-oriġinatur | V | | | Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għalihom jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li l-ammont ta' telf finali jkun konsistenti mat-telf irreġistrat mill-oriġinatur fid-dikjarazzjoni tal-profitt u t-telf tiegħu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 132 | Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f) | Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza - Telf allokat b'mod korrett lill-investituri | V | | | Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għaliha jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li, fil-mument li jsir il-pagament finali għall-protezzjoni tal-kreditu, it-telf fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti jkun ġie korrettament allokat lill-investituri. | Mhux applikabbli |
| STSSY 133 | Artikolu 26e(4), it-tieni subparagrafu | L-aġent ta' verifika ta' parti terza indipendenti mill-oriġinaturi, l-investituri u (meta applikabbli) l-SSPE | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 ikun indipendenti mill-oriġinatur u mill-investituri, u, fejn applikabbli, mill-SSPE. | Mhux applikabbli |
| STSSY 134 | Artikolu 26e(4), it-tieni subparagrafu | Ħatra tal-aġent ta' verifika ta' parti terza sad-data tal-għeluq | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 aċċetta l-ħatra bħala aġent ta' verifika ta' parti terza sad-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 135 | Artikolu 26e(4), it-tielet subparagrafu | Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza magħmul fuq bażi ta' kampjun | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 iwettaq il-verifika fuq bażi ta' kampjun minflok fuq il-bażi ta' kull skopertura sottostanti individwali li għaliha jintalab pagament ta' protezzjoni tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 136 | Artikolu 26e(4), it-tielet subparagrafu | Possibbiltà għall-investituri li jirrikjedu li l-aġent ta' verifika ta' parti terza jiċċekkja kwalunkwe skopertura sottostanti | | V | | Spjegazzjoni qasira li jekk u kif l-investituri jistgħu jitolbu l-verifika tal-eliġibbiltà ta' kwalunkwe skopertura sottostanti partikolari meta ma jkunux issodisfati bil-verifika abbażi ta' kampjun. | Mhux applikabbli |
| STSSY 137 | Artikolu 26e(4), ir-raba' subparagrafu | Possibbiltà għall-aġent verifikatur ta' parti terza li jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jinkludi impenn fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li jipprovdi lill-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivverifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| STSS 138 | Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (f) | Avvenimenti ta' terminazzjoni | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur ma jistax itemm tranżazzjoni qabel il-maturità skedata għal xi raġuni oħra għajr l-avvenimenti li ġejjin elenkati fl-Artikolu 26e(5), il-punti (a) sa (f), tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSS 139 | Artikolu 26e(5), it-tieni subparagrafu | Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni - Drittijiet | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika jekk xi wieħed minn drittijiet ta' xiri msemmija fl-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2017/2402 humiex inklużi fit-tranżazzjoni kkonċernata u kif dawn id-drittijiet ta' xiri huma strutturati. | Mhux applikabbli |
| STSS 140 | Artikolu 26e(5), it-tielet subparagrafu | Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni - Time call mhijiex strutturata biex jiġi evitat li t-telf jiġi allokat għal pożizzjonijiet ta' titjib fil-kreditu | | V | | Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li t-time call ma hijiex strutturata biex jiġi evitat li t-telf jiġi allokat għal pożizzjonijiet ta' titjib fil-kreditu jew pożizzjonijiet oħra li jkollhom l-investituri u ma hijiex strutturata b'mod ieħor biex tipprovdi titjib fil-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSS 141 | Artikolu 26e(5), ir-raba' subparagrafu | Time call | | V | | Meta t-time call tiġi inkluża fit-tranżazzjoni, spjegazzjoni qasira li r-rekwiżiti msemmija fl-STSS139 u STSS 140 huma ssodisfati, inkluża ġustifikazzjoni tal-użu tat-time call u rendikont plawżibbli li juri li l-eżerċitar tal-call mhux isir minħabba xi deterjorament fil-kwalità tal-assi sottostanti. | Mhux applikabbli |
| STSS 142 | Artikolu 26e(5), il-ħames subparagrafu | Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu - Ritorn kollaterali lill-investituri fl-ordni tas-superjorità tas-segmenti | | V | | Fil-każ ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li, mat-terminazzjoni tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, il-kollateral jingħata lura lill-investituri fl-ordni tas-superjorità tas-segmenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti tal-insolvenza, kif applikabbli għall-oriġinatur. | Mhux applikabbli |
| STSS 143 | Artikolu 26e(6) | Tmiem ta' tranżazzjoni minn investituri meta jonqsu milli jħallsu primjum għall-protezzjoni tal-kreditu | | V | | Spjegazzjoni qasira li l-investituri ma jistgħux itemmu tranżazzjoni qabel il-maturità skedata tagħha għal xi raġuni oħra għajr in-nuqqas ta' ħlas tal-primjum għall-protezzjoni tal-kreditu jew xi ksur materjali ieħor tal-obbligi kuntrattwali mill-oriġinatur. | Mhux applikabbli |
| STSSY 144 | Artikolu 26e(7), il-punt (a) | Ammont ta' marġni pożittiv sintetiku għall-investituri speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u espress bħala perċentwal fiss tal-bilanċ totali pendenti tal-portafoll | | V | | Meta l-oriġinatur jikkommetti marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib tal-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li l-ammont tal-marġni pożittiv sintetiku li l-oriġinatur jieħu l-impenn li juża bħala titjib fil-kreditu f'kull perjodu ta' pagament, ikun speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u espress bħala perċentwal fiss tal-bilanċ totali pendenti tal-portafoll fil-bidu tal-perjodu ta' pagament rilevanti (marġni pożittiv sintetiku fiss). | Mhux applikabbli |
| STSSY 145 | Artikolu 26e(7), il-punt (b) | Marġni pożittiv sintetiku mhux użat li għandu jiġi rritornat lill-oriġinatur | | V | | Meta l-oriġinatur jikkommetti marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li l-marġni pożittv sintetiku li ma jintużax biex ikopri t-telf ta' kreditu li jimmaterjalizza waqt kull perjodu ta' pagament, jiġi rritornat lill-oriġinatur. | Mhux applikabbli |
| STSSY 146 | Artikolu 26e(7), il-punt (c) | Oriġinaturi li jużaw approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjonijiet interni - Ammont totali impenjat fis-sena mhuwiex ogħla mill-ammonti regolatorji ta' telf mistennija ta' sena | | V | | Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li, għal oriġinaturi li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni msemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont totali impenjat kull sena ma jkunx ogħla mill-ammonti regolatorji ta' telf mistennija ta' sena fuq l-iskoperturi sottostanti kollha għal dik is-sena, ikkalkulati skont l-Artikolu 158 ta' dak ir-Regolament. | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| STSSY 147 | Artikolu 26e(7), il-punt (d) | L-oriġinaturi li ma jużawx approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni - il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti jiġi determinat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni | | V | | Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li għal oriġinaturi li ma jużawx l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni msemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti jiġi determinat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni. | Mhux applikabbli |
| STSSY 148 | Artikolu 26e(7), punt (e) | Kundizzjonijiet tal-marġni pożittiv sintetiku stabbilit fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni | | V | | Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib tal-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tispeċifika l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26e(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSS 149 | Artikolu 26e(8), punti (a), (b) u (c) | Protezzjoni tal-kreditu użata | | V | | Spjegazzjoni qasira ta' liema mill-forom li ġejjin hija konformi mal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu:<br>(a) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li biha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-iskoperturi għall-investitur ikunu jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament;<br>(b) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II, il-Parti Tlieta, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li tibbenefika minn kontrogaranzija ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;<br>(c) protezzjoni ta' kreditu oħra mhux imsemmija fil-punti (a) u (b) hawn fuq fil-forma ta' garanzija, derivattiva ta' kreditu jew noti marbuta ma' kreditu, li tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-obbligi tal-investitur ikunu żgurati minn kollateral li jkun jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 9 u 10 tal-Artikolu 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402. | Mhux applikabbli |
| STSSY 150 | Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | Infurzabbiltà tad-dritt tal-oriġinatur li juża l-kollateral sabiex jissodisfa l-obbligi tal-ħlas ta' protezzjoni tal-investituri permezz ta' arranġamenti kollaterali xierqa | | | V | Meta tintuża protezzjoni tal-kreditu msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 26e(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata ta' kif id-dritt tal-oriġinatur li juża l-kollateral sabiex jissodisfa l-obbligi tal-ħlas ta' protezzjoni tal-investituri ikun infurzabbli u l-infurzabbiltà ta' dak id-dritt tkun żgurata permezz ta' arranġamenti kollaterali xierqa. | Mhux applikabbli |
| STSSY 151 | Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Id-dritt tal-investituri li jirċievu xi kollateral mhux użat meta t-titolizzazzjoni tinħall jew meta s-segmenti jamortizzaw | | V | | Meta tintuża protezzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 26e(8), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li tindika li d-dritt tal-investituri, jekk it-titolizzazzjoni tiġi xolta jew is-segmenti jiġu ammortizzati, li jirritornaw xi kollateral li ma ntużax biex jissodisfaw il-pagamenti ta' protezzjoni jkun infurzabbli. | Mhux applikabbli |
| STSSY 152 | Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) | Kollateral investit f'titoli - Kriterji ta' eliġibbiltà u arranġamenti ta' kustodja speċifikati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni | | | V | Meta tintuża protezzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 26e(8), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata ta' kif, meta l-kollateral jiġi investit f'titoli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-arranġament ta' kustodja għat-titoli. | Mhux applikabbli |
| STSSY 153 | Artikolu 26e(9), it-tieni | Investituri esposti għar- | | V | | Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tispeċifika jekk l-investituri jibqgħux esposti għar-riskju tal-kreditu tal- | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | subparagrafu | riskju tal-kreditu tal-oriġinatur | | | | oriġinatur. | |
| STSSY 154 | Artikolu 26e(9), it-tielet subparagrafu | Opinjoni ġuridika li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet kollha | V | | | Konferma li l-oriġinatur ikun kiseb opinjoni minn konsulent legali kkwalifikat li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. | Mhux applikabbli |
| STSSY155 | Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | Kollateral ta' kwalità għolja - titoli ta' dejn b'piż tar-riskju ta' 0% | | V | | Meta tiġi pprovduta protezzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 26e(10), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402 fil-forma ta' titoli ta' dejn b'piż tar-riskju ta' 0 % msemmija fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, spjegazzjoni konċiża li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:<br>(i) dawk it-titoli tad-dejn ikollhom maturità massima li jifdal ta' tliet xhur li ma tkunx itwal mill-perjodu li jifdal sad-data ta' pagament li jmiss<br>(ii) dawk it-titoli tad-dejn jistgħu jinfdew fi flus f'ammont ugwali għall-bilanċ pendenti tas-segment protett;<br>(iii) dawk it-titoli tad-dejn jinżammu minn kustodju indipendenti mill-oriġinatur u l-investituri; | Mhux applikabbli |
| STSSY 156 | Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Kollateral ta' kwalità għolja - flus kontanti ma' istituzzjoni ta' kreditu terza b'livell tal-kwalità tal-kreditu 3 jew ogħla | | V | | Meta protezzjoni tal-kreditu tiġi pprovduta skont l-Artikolu 26e(10), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira tal-arranġament tal-kollateral, li jagħti lill-oriġinatur u lill-investitur rikors għal kollateral f'forma ta' flus kontanti miżmuma ma' istituzzjoni ta' kreditu terza b'livell ta' kwalità tal-kreditu 3 jew ogħla f'konformità mal-assoċjazzjoni stabbilita fl-Artikolu 136 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | Mhux applikabbli |
| STSSY 157 | Artikolu 26e(10), it-tieni subparagrafu | Deroga – kollateral fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur | | | V | Meta tintuża d-deroga mill-Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata tal-arranġament kollaterali, bil-kunsens rispettiv tal-investitur, li jagħti lill-oriġinatur rikors għal kollateral ta' kwalita għolja f'forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur, jew wieħed mill-affiljati tiegħu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 158 | Artikolu 26e(10), it-tielet subparagrafu | Kollateral fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur - permess mill-awtorità kompetenti | | | V | Spjegazzjoni dettaljata tal-kunsens mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li l-kollateral jista' jkun fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur, jew ma' wieħed mill-affiljati tiegħu, jekk l-oriġinatur jew wieħed mill-affiljati tiegħu jikkwalifika għal-livell tal-kwalità tal-kreditu 3 dment li d-diffikultajiet tas-suq, l-impedimenti oġġettivi relatati mal-livell tal-kwalità tal-kreditu assenjat lill-Istat Membru tal-istituzzjoni jew problemi potenzjali sinifikanti ta' konċentrazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat minhabba l-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu tal-livell tal-kwalità tal-kreditu 2 imsemmi fl-Artikolu 26e(10), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2402, ikunu jistgħu jiġu dokumentati. | Mhux applikabbli |
| STSSY 159 | Artikolu 26e(10), ir-raba' subparagrafu | Trasferiment ta' kollateral meta istituzzjoni ta' kreditu ta' parti terza jew oriġinatur ma jibqgħux jissodisfaw il-livell tal-kwalità tal-kreditu | | | V | Spjegazzjoni dettaljata ta' kif il-kollateral jiġi ttrasferit f'konformità mal-Artikolu 26e(10), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402 meta l-kollateral ikun inżamm fil-forma ta' flus kontanti depożitati ma' istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa l-livell minimu ta' kwalità tal-kreditu. | Mhux applikabbli |
| STSSY 160 | Artikolu 26e(10), il-ħames subparagrafu | Konformità mar-rekwiżiti tal-kollateral fil-każ ta' investimenti | V | | | Konferma li hemm investiment f'noti marbuta ma' kreditu maħruġa mill-oriġinatur, f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. | Mhux applikabbli |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | f'noti marbuta ma' kreditu maħruġa mill-oriġinatur | | | | | |

“